KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Disgħa (9)***

***Il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:00pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Fl-assenza tas-Sindku Darren Abela ippresjediet l-laqgħa il-Vici Sindku Christine Dalli.

Bi qbil unanimu, il-Kunsill beda minn materja 9.9 Korrispondenza

**9.9 Korrispondenza**

9.9.1 Tressqet id-delega tas-Sindku ghal-Laqgha tar-Regjun li se tinzamm nhar it-Tlieta, 10 ta' Dicembru fil-5.30pm. MInhabba li s-Sindku Darren Abela ma jistax jattendi, minflok se tattendi il-Vici Sindku Christine Dalli.

9.9.2 Rigward il-harga ghall-anzjani, din is-sena se nohduhom go lukanda ghal-buffet. Il-prezz huwa ta' €15 ghal kull persuna. Il-Kunsill qabel li jaghmel il-prezz €12 u l-kumplament kif ukoll it-trasport jithallas mill-Kunsill.

9.9.3 Tressqet korrispondenza minghand iz-zewg impjegati tal-Kunsill, dwar talba sabiex jigi mgedded il-leave ghas-sena d-diehla. L-ammonti huma ta' tmint ijiem u sebat ijiem rispettivament. Il-Kunsill approva.

9.9.4 Tressqet korripondenza minghand l-AKL dwar l-Inizjattiva MCCF. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera biex jekk hemm min hu nterressat jipparteciepa, jinfurmaha.

9.9.5 Tressqet korrispondenza dwar Pubblikazzjoni ta' Magazin tal-Kullegg San Benedittu, fejn qed jitolbu ghajnuna finanzjarja. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li m'ghandux fond mahsub ghal dan il-ghan.

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda is-Sindku Darren Abela (5.45pm)*

9.9.6 Tressaq ilment minghand id-Dipartiment dwar nuqqas ta' dawl fi Triq il-Maghqad, li tinsab fi Trejqet Torri ta' Kalamija. Il-Kunsill qabel li jgib stima. Il-Vici Sindku Christine Dalli ressqet talba ghal bozza gdida fi Triq Ta' Loretu. Il-Kunsill approva.

9.9.7 Tressqet korrispondenza dwar is-sistema tal-*Live Streaming* fejn il-Kunsill qed jigi mitlub li jaghmel is-sistema *on-demand.* L-ispiza ghal dan ix-xoghol hija ta' €1416. Il-Kunsill ma jaqbilx ma l-ispiza kif ukoll, f'dan l-istadju, ma jaqbilx mal-proposta li l-laqghat isiru *on-demand.*

9.9.8 Tressqet korrispondenza dwar Mizura 4.3, fejn is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ninsabu fil-process biex johrog l-ewwel pagament ghal Triq Has-Saptan u biex isir dan hemm bzonn li l-Kunsill johrog parti minnu li wara jigu rifonduti taht il-mizura 4.3. Il-Kunsill qabel.

9.9.9 Tressqet korrispondenza dwar l-iskema ta' Manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern fejn inghatajna is-somma ta' €25,500 ghall-manutenzjoni.

9.9.10 Tressqet kwotazzjoni ghall-pjanti sabiex jinzerghu madwar il-lokal u fil-gonna. Il-Kunsill qabel li ghandu jzid is-sigar fil-fetha li hemm fi Triq il-Qattus.

9.9.11 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li inghatajna l-ammont ta' €19,380 ghall-sistema ta' irrigazzjoni filwaqt li inghatajna ukoll l-ammont ta' €1488 sabiex tigi nstallata is-sistema tal-Virtual Reality fil-Librerija. Fil-jiem li gejjin se jkun qed jibda l-process sabiex isiru dawn ix-xoghlijiet.

9.9.12 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li jrid jibda jsir Risk Assessment tal-Playingfield. Ghaldaqstant se tkun qed igib stimi sabiex isir dan.

*F'dan l-istadju l-laqgha tkompliet skond l-Agenda.*

**9.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

9.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji.

**9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

9.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 8 li nzammet nhar l-Erbgha, 6 ta' Novembru 2019.

9.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 8 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

9.2.3 **Mozzjoni 09-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 8.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 8 gew approvati unanimament.

**9.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 9 (08) – Novembru 2019***

9.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 09(08) biċ-ċekkijiet numru 6793 sa 6828 li tammonta €52,292.06

9.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat ukoll l-Insurance policy ghas-sena d-diehla li tammonta ghal €1087.82.

9.3.3 **Mozzjoni 09-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta’ l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 09(08) bl-ammont ta' €52,292.06 kif ukoll il-hlas imsemmi f’9.3.2

Proponent: Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

L-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 09(08) giet approvata unanimament.

**9.4 _Performance Bonus_ tal-Haddiema tas-CWSEF**

9.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, ir-rapporti tal-haddiema tas-CWSEF ippreparati mis-Sindku Darren Abela.

9.4.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li importanti li lill-haddiema ninfurmawhom li il-*Performance Bonus* qed jibda jithallas mill-Kunsill u ghaldaqstant jekk il-Kunsill se jinnota nuqqasijiet, dawn se jkunu riflessi fil-*performance bonus* tas-sena d-diehla.

9.4.3 Il-Kunsill qabel li jhallas dan il-*performance bonus* lill-haddiema skond kif immarkat fir-rapport.

**9.5 Attivitajiet ta’ Zmien il-Milied**

9.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li fil-jiem li gejjin se tkun qed tibghat Press Release fuq il-portals ewlenin dwar l-attivita’ li se ssir fl-14 u l-15 ta’ Dicembru fil-Pjazza ta’ Hal Ghaxaq.

9.5.2 Il-Kunsillier Keith Fenech fakkar li rridu niehdu hsieb id dawl kemm tal-Presepju u kemm it-temporanju li se jintuza ghall-attivita’.

9.5.3 Il-Kunsillier Keith Fenech ipprezenta ukoll il-pjanta ta’ kif se jkunu mqassma l-istalls fl-attivita’ ‘L-Ghaxqa tal-Milied’.

**9.6 Hlasijiet tal-kontijiet tad-dawl fil-Kunsill Lokali**

9.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fethet id-diskussjoni dwar il-hlasijiet tad-dawl fil-Kunsill Lokali.

9.6.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-hlasijiet tal-kontijiet tad-dawl jibdew jingabru darbtejn fil-gimgha mill-bidu tas-sena d-diehla. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

9.6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li wasslet l-approvazzjoni ghal *Community Inclusive Employment Scheme*. Il-Kunsill, minkejja li jixtieq jimpjega persuna minn din l-iskema, se tkun ferm difficli minhabba li l-ufficini huma zghar u ma jippermettux li tigi mpjegata persuna ohra, apparti li hemm nuqqas ta’ accessibilita’ minhabba li l-post huwa antik. Ghaldaqstant il-Kunsill unanimament qabel li jirrevoka l-applikazzjoni izda li jkun dejjem disponibbli meta jkollna ic-Centru Civiku.

**9.7 Fanali Ornamentali fl-isqaqin**

9.7.1 Is-Sindku Darren Abela fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn ppropona li l-Kunsill jinvesti fi progett fejn jitwahhlu fanali ornamentali fl-isqaqin.

9.7.2 Is-Sindku Darren Abela pprezenta disinji u stimi differenti ta' fanali ornamentali.

9.7.3 Il-Kunsill unanimament qabel li jibda bi sqaq wiehed ta' zewg fanali. Kull darba li l-Kunsill ikollu bzonn jaghmel bozza gdida, din titnehha mill-isqaqin u minflok jibda jitwahhal fanal ornamentali li d-disinn tieghu gie maqbul mill-membri prezenti.

**9.8 Sorveljanza fiz-zona tal-Pjazza**

9.8.1 Is-Sindku Darren Abela fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li qed ikun hemm hafna parkegg illegali fil-Pjazza specjalment il-Hadd. Is-Sindku fakkar li fil-vicin hemm il-ground tal-Kappillan u ghaldaqstant m'ghandux ikun hemm problema ta' parkegg.

9.8.2 Il-Kunsill qabel li ghandhom jingiebu l-gwardjani lokali sabiex jissorveljaw iz-zona u jharrku lil min ikun qed jabbuza.

**9.10 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.10.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-attivitajiet tal-Karnival 2020. Il-programm ghandu jinzamm bl-istess attivitajiet bhal tas-sena l-ohra. Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li Banda wahda miz-zewg baned lokali tibda ddoqq fil-Karnival tat-tfal. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni u se jkun qieghed jitkellem dwar dan il-hsieb mal-Baned lokali.

9.10.2 Is-Sindku Darren Abela qal li kellu xi lmenti dwar il-*one way* li saret f'Tal-Millieri. Il-Kunsill ma qabilx li tinbidel ir-rotta, izda li ghandha tibqa kif approvata minn Transport Malta.

9.10.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir bozza fi Triq San Mikiel. Il-Kunsill approva.

9.10.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jitwahhal bin fi Triq it-Tumbarellu. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

9.10.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar ktieb li s-Sur Twanny Agius jixtieq jippublika dwar il-Karnival Ghaxaq. Il-Kunsill jaqbel fil-principju.

9.10.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isir il-Monument tal-Familja. Il-Kunsill qabel li jitlob abbozz tal-monument.

9.10.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li titwahhal hadida bil-pjanca fil-bypass ezatt kif tohrog minn Triq Santa Tereza. Il-Kunsill approva.

9.10.8 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn jitrangaw l-ispralli li hemm fi Triq Dun Guzepp Demicoli. Il-Kunsill approva li jitrangaw minhabba li qeghdin perikoluzi.

9.10.9 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex l-iskola taghmel attivita' fi zmien il-Milied fejn talbu ghall-permess u li juzaw ftit dawl mill-kamra ta' Santu Rokku. Il-Kunsil ma sab ebda oggezzjoni.

9.10.10 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex tizdied bicca bankina fi Triq Gebellin minhabba problema kbira ta' ilma li jghaddi mit-triq meta taghmel ix-xita. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni biex issir bankina li ma tostakolax l-access tal-vetturi mit-triq.

9.10.11 Is-Sindku Darren Abela qal li c-cerimonja tal-ftuh tal-bandli tista ssir lejn l-ahhar ta' Jannar. Is-Sindku qal li ghall-okkazjoni tal-attivita' ppropona li jingibed *Video clip* u kif ukoll jittiehdu ritratti tal-okkazjoni. Dwar dan il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

**9.11 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

9.11.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli ipproponiet li ssir *Byelaw* fuq *street furniture*. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li fis-snin precedenti il-Kunsill kellu *draft* ta' *byelaw.* Ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se ticcekja dwarha.

9.11.2 Il-Kunsilliera Rose Agius infurmat lil Kunsill li qed tahdem fuq in-night shelter izda s'issa ghad m'ghandniex risposta dwar l-ghajnuna li nistghu ninghataw mill-Ministeru.

9.11.3 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li l-bankini li qed isiru godda fil-Bypass huma dislivellati. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkellem lil Perit dwar dan.

9.11.4 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar jekk kienx hemm risposta fuq is-servizz tat-trasport pubbliku. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ma kienx hemm risposta. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jerga' jkellimhom.

9.11.5 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li se jibdew isiru *fitness classes* gol-ground.

9.11.6 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li jitwahhlu tabelli tal-iskart u dog bin fi Sqaq il-Gebel. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

9.11.7 Il-Kunsillier Andreas Gatt ressaq ilment rigward Triq San Bastjan fejn qal li n-nies qed jilmentaw li tizloq. Is-Sindku Darren Abela qal li qed jipprova jaghmlu *imprint concrete.*

9.11.8 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li Bir id-Deheb qed ikun hemm hafna parking abbuziv. Il-Kunsill qabel li jibghat il-wardens specjalment il-gurnata tas-sibt.

9.11.9 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li ghandha ssir road hump fi Triq Dun Guzepp Demicoli u jitnehha l-ewwel *parking bay*. Il-Kunsill approva

**9.12 Mozzjonijiet**

9.12.1 Annessi mal-Minuti

**9.13 Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss**

9.13.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 14 ta'Jannar fil-5:00pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 9**

**Mozzjoni Ref:** 09-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 8

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 5 ta' Dicembru 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 9**

**Mozzjoni Ref:** 09-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 09(08)

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Andreas Gatt**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 5 ta' Dicembru 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**